# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1650

KAZ NRU : 2246AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Fabianne Zammit

u

Freestyle Limited ta' Energy
Complex, Republic Street, Valletta

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 17 ta' Novembru 2005

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industriali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Fabianne Zammit mill-Avv. Anglu Farrugia LL.D. M.P. fejn qieghed jghid illi t-tkeccija mill-impieg ma kienetx ghar-raguni gusta.

Ms.Fabianne Zammit kienet assistita mill-Avv. Anglu Farrugia LL.D. aktar il-quddiem tissejjah l-appellanti. Ghas-socjeta appellata, aktar 'l quddien tissejjah is-socjeta deheru Ms.Judith Grech u s-Sur Marcel Grech li kienu assistiti mill-Avv. Roselyn Borg LL.D.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellanti bdiet tahdem mas-socjeta intimata f'Marzu 2001 bhala *Salesgirl*. Tghid illi qatt ma kellha problemi mal-*employer* u l-unika darba li kellha *warning* kien wiehed written aktar minn sena ilu.

Fid-9 ta' Ottubru 2004 dahlet ghax-xoghol normali, fil-ghodu dahal is-Sur Marcel Grech u qallha, *"itla l-fuq ghaliex l-anqas wiccek ma rrid nara"* Fil-ghaxija ta' l-isess gurnata qallha, *"tista' ma tidholx iktar ghax-xoghol"* Ma ta' ebda raguni ghalfejn keccijha u lanqas taghha *notice* meta wara dawn is-snin tahdem b'interess fix-xoghol u kienet *"all rounder´* fil-hanut tas-socjeta.

Illi wara li x-xoghol taghha gie tterminat granet wara s-Sur Marcel Grech impjega wahda li kienet *part-time*, tellaha *full-time* u ghadha hemm sal-lum. Qalet ukoll illi s-Sur Marcel Grech fl-ewwel sena tax-xoghol taghha kien refa idejh fuqha.

Is-socjeta intimata tghid illi l-appellanti giet mghotija numru ta' *verbal warnings* dwar l-agir taghha fuq il-post tax-xoghol, inkluz gideb.

Illi wara li baqghet ma tismax mill-imghallem taghha u taghmel ta' rasha giet mghotijha *warning* bil-miktub fid-19 ta' Lulju 2004 ghax kienet tghamel uzu tal-mobile u l-11 ta' Awissu 2004 ghax halliet is-sezzjoni li hija kienet inkarigata tiehu hsieb minghajr ma avzat lil xi hadd.

Illi fid-9 ta' Ottubru 2004 giet itterminata mill-impieg taghha ghax l-imghallem ghal darb'ohra ma sabx li Fabianne Zammit f'posta meta kien hemm in-nies. L-imghallem ma setax jaghmel mod iehor ghax kull twissija mar sarfitx fit-tibdil ta' l-attitudni taghha.

Illi l-imghallem kiteb ittra l-Fabianne Zammit fejn spiega l-tkeccija taghha u ta cekk tal-bonuses li kienu pendenti u ta' cekk ta' *notice period* liema cekkijiet kienu bhala´"*full and final settlement".*

**Provi**

Imexxi is-socjeta s-Sur Marcel Grech, *Managing Director,* fejn qal illi ilu f'dan ix-xoghol erba' u erbghejn sena u matul dan iz-zmien ma kecca lil hadd. L-appellanti kien ikollha pozizzjoni taghha (*position section*) fil-hanut biex tiehu hsieb imma kienet litteralment titlaqa bla rispett ta' xejn; Kienet tmur it-toilet tpejjep is-sigaretti kontra r-regolamenti tas-socjeta.

Is-Sur Marcel Grech qal illi kien jammonija u kien ta *chance* fuq iehor biex tieqaf mill-attagjamenti taghha, kien keccijha minhabba n-nuqqasijiet taghha u kien ta chance iehor fuq talba ta' missiera li kien cempillu u talbu biex jghatijha *chance* iehor. Accetta u rega dahhalha. Irrizulta illi l-problemi baqghu hemm. Cahad dak illi gie allegat mill-appellanti li kien refa idejh fuqha.

Ms. Judith Grech, *Direttrici,* inkarigata mit-tmexxija tal-hanut li tigi t-tifla tas-Sur Marcel Grech tghid illi ghamlet *Memo* minhabba l-appellanti ghax kien ikollha tghatiha diversi verbal *warnings* ghax kienet tmur kontra l-ordnijiet. Qalet ukoll illi ma kienetx responsabbli ghal xogholha ma tghatix kaz tal-klijenti, taqbad u tmur fit-toilet tpejjep is-sigaretti u thalli lil klijenti jistennew meta s-socjeta isostni illi s-*salesgirls* ghandhom dejjem ikunu f'posthom mhux biss biex iservu lil klijenti ilmma wisq izjed minhabba s-serq li jsir minn nies. Fil-*Memo* hemm illi ma tistghax taghmel uzu mill-*mobile* waqt il-hin tax-xoghol. B'dana kollu tghid illi xorta wahda baqghet tuza l-*mobile* anki kienet qabditha l-*Manager* Katya Lofaro.

Kienet hadet *warnings* bil-miktub imma ma servew ghal xejn ghax id-*Direttrici* Ms.Judith Grech kienet tghidilha biex tghoqod f'postha kif suppost. Darba minnhom kien hemm missierha s-Sur Marcel u ma sab lil hadd fil-pozizzjoni taghha fejn suppost kellha tghoqod, wara sabuha tirranga l-*cards*. Il-gurnata

kienet is-Sibt, gurnata li jkun hemm hafna klijenti. Kienet tghidilha espressament dwar dan imma kien ikun ta' xejn. Kienet thalli l-klijenti jistennew, haga li kienet kontra dak li trid is-socjeta.

Ms. Elizabeth Vidal, *Salesgirl,* qalet illi l-appellanti xogholha kienet taghmlu sewwa imma kienet tmur it-*toilet* minghajr ma tavza lil hadd, tpejjep u kulhadd ifittixha.

Ms. Fiona Bonello, *Salesgirl,* qalet illi darba fost l-ohrajn kien hemm klijent li kienet qed taqdieh fettilla tmur it-*toilet* tpejjep sigaret u hallietu jistenna. Dejjem mohha kien fuq il-mobile. Kienet idum meta tmur it-*toilet* u kienet tmur hija stess fis-*section* taghha biex taqdi lil nies.

Ms. Katya Lofaro, *Manager,* qalet illi l-appellanti kienet waslet f'punt fejn kienet qed tizbalja f'certi affarijiet. Kienet taqbad u tmur it-*toilet* minghajr ma tghid lil hadd.

Kemm Ms. Tanya Cassar u Mr. Paul Caruana, it-tnejn klijenti, qalu illi kull meta marru jixtru u kienet tkun hemm dejjem qdiethom tajjeb.

L-Appellanti qalet illi l-*Memo* inghatalha wara li kienet hadet il-*warning*. Il-*Memo* kien fieh il-*guidelines* biex ikunu jafu kif ghandhom jahdmu fil-hanut. Qalet ukoll illi wara l-*warning* is-Sur Marcel Grech kien wiehed vjolenti fejn ta' spiss kien anki jitla warajja u jipprova jmissli l-warrani, mhux darba jew tnejn ghamilha. Jien kont innehilu idejh biex nipprova nghaddi, imma kien ghal xejn ghax xorta kien jipprova jrossni ma' l-affarijiet.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-socjeta appellata f'dan il-kaz tghid illi l-appellanti fiz-zmien li ghamlet fl-impieg mil-5 ta' Marzu 2001 sad-9 ta' Ottubru 2004 naqset milli taghmel dmirha li tiehu hsieb in-nies li jattendu fil-hanut tas-socjeta u billi agixxiet b'mod li jifixkel l-ghan principali li taqdi dmira sewwa.

It-Tribunal jara illi l-appellanti kienet tmur tajjeb man-nies (klijenti). Jara wkoll illi fl'appellanti hemm in-nuqqasijiet persistenti illi l-ordnijiet mghotija mis-socjeta li huma, li trid tkun fil-post indikat (*position section*) biex taqdi lill-klijenti u tosserva li ma jsirx serq.

Illi jekk tkun trid twarrab titlob biex jigi xi hadd jattendi minflokha; Illi ma jsirx tipjip fit-toilet imma li bil-permess tista' tpejjep fil-*coffee shop* fuq; Illi ma tuzax il-mobile waqt il-hin tax-xoghol u l-anqas izommu fuqha u direttivi ohra li ma kienux qed ikunu obduti.

Klijenti Tanya Cassar u Paul Caruana xhedu illi kull meta marru jixtru fil-hanut dejjem tghathom servizz tajjeb, tant illi Tanya Cassar xhedet illi dejjem kienet issib lill-appellanti f'postha fis-sezzjoni tal-kartolini. Paul Caruana xehed illi darba waqt li kien qed jixtri semgha ghajjat indirizzat fil-konfront ta' l-appellanti pero ma jafx fuq xiex kien l-argument.

It-Tribunal jifhem illi mill-provi mresqa fil-konfront ta' l-appellanti ma jirrizultax illi kellha rimarki hziena dwar l-agir taghha mal-klijenti, kien biss il-mod kif kienet iggib ruha fil-konfront tad-direttivi mahruga mis-socjeta.

Kull impjegat ghandu obligu illi jara li jkunu osservati ir-regolamenti u l-ordnijiet minghajr ebda riserva, dejjem fil-limitu tal-ligi. Kull nuqqas f' dan ir-rigward igib disordni anke bejn l-istess impjegati.

L-appellanti kellha kull opportunita li tirranga ruha. Kienet diga tkecciet darb'ohra u kien bl-intervent ta' missierha li regghat giet impjegata. Kellha diversi warnings verbali li setghat, kieku qghadet attenta, tirriforma ruha u tara illi timxi ma' dawk id-direttivi li kienu jigbdulha l-attenzjoni dwarhom.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarijja tal-Kaz tal-partijiet, ra u evalwa x-xhieda prodotta, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddecieda dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellanti mill-impieg kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**

**Chairman**